

Brussell, 9 ta' Frar 2026
(OR. en, bg, fr)

5787/26
PV CONS 3
AG 14
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
26 ta' Jannar 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda


Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5529/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) **Lista mhux leġiżlattiva** 5531/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

(b) **Lista leġiżlattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 5532/26

1. **Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu, it-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938**  5289/26 + ADD 1 + ADD 2 REV 1 PE-CONS 63/25 ENER
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-23.01.2026


Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija u s-Slovakkja jivvutaw kontra u l-Bulgarija tastjeni (bażi legali: l-Artikoli 194(2) u 207 TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, Franza, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Kummissjoni għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Prijoritajiet tal-Presidenza Ċiprijotta** 
Preżentazzjoni mill-Presidenza
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Presidenza tal-prijoritajiet tagħha u kellu skambju ta' fehmiet.

4. **Tarka Ewropea għad-Demokrazija: it-tishiĥ ta' demokraziji b'saħħithom u reżiljenti**  5143/26
Skambju ta' fehmiet

5. Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt: diskussjoni speċifika għall-pajjiżi
Skambju ta' fehmiet 5019/26
6. Affarijiet oħra
- a) Strateġija makroreġjonali tal-UE għall-Atlantiku
Informazzjoni minn Spanja 5673/26
- b) Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE
Informazzjoni minn Franza u l-Portugall 5685/26



L-ewwel qari



Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ristrett



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dok. 5532/26

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu, it-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938

Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Biex ikunu evitati riskji essenzjali għas-sigurtà u ċerti dipendenzi tal-enerġija li jkollna jekk jissokta l-kummerċ tal-enerġija mal-Federazzjoni Russa, il-Kummissjoni Ewropea tibqa' impenjata li tiżgura t-tneħħija gradwali tal-importazzjonijiet kollha fl-UE taż-żejt mingħand il-Federazzjoni Russa sa tmiem l-2027, bi qbil mad-Dikjarazzjoni ta' Versailles.

Il-Kummissjoni biħsiebha tressaq proposta leġislattiva fil-bidu tal-2026 biex tipprojbixxi l-importazzjonijiet fl-UE taż-żejt mingħand il-Federazzjoni Russa mingħajr iżjed dewmien, u sa mhux aktar tard minn tmiem l-2027.

Il-Kummissjoni ser tanalizza bir-reqqa l-impatt potenzjali ta' terminazzjoni malajr tal-importazzjonijiet taż-żejt fuq is-sigurtà tal-provvista, l-ekonomija u l-kompetittività tal-aktar Stati Membri affettwati.

Il-Kummissjoni ser taħdem b'mod attiv, bi spirtu ta' solidarjetà, ma' dawk affettwati direttament u ma' Stati Membri rilevanti oħra, biex jinstabu miżuri xierqa li jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji possibbli identifikati fil-valutazzjoni, li jiffaċilitaw l-aċċess għal provvisti alternattivi."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tesprimi l-appoġġ tagħha għall-oġettiv strateġiku tal-proposta għal Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu, it-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 (ir-Regolament REPowerEU).

Nieħdu nota tat-test ta' kompromess finali tar-Regolament REPowerEU u b'mod partikolari l-elementi tal-kompromess relatati:

- mal-kunsiderazzjoni tal-ispeċifitàjiet tar-reġjun tas-CESEC u l-oġġettiv li jiġu żgurati provvisti alternattivi tal-gass;
- mar-referenzi għall-miri tal-mili tal-ħżin tal-gass, u
- maż-żamma tal-klawżola sospensiva f'każijiet ta' riskju għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

Fl-istess ħin, insostnu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- L-Artikolu 5(8) applikabbli għal Strandzha 1 mhuwiex ġustifikat billi huwa biss gass naturali ta' oriġini mhux Russa li qed jgħaddi minn dan il-punt ta' interkonnnessjoni, u dan jirriżulta f'piż amministrattiv sproporzjonat għall-importaturi ta' gass ta' oriġini mhux Russa.
- It-test ta' kompromess finali ma jipprovdi salvagwardji suffiċjenti kontra proċedimenti ta' arbitraġġ u penali finanzjarji potenzjali għall-kumpaniji b'kuntratti ta' tranżitu ta' terminu twil għall-pipelines tal-gass u kapaċità kuntrattata. Il-Bulgarija tinsisti fuq reċiproċità sħiħa, inkluż garanziji finanzjarji xierqa għall-Istati Membri li japplikaw ir-Regolament fil-fruntiera esterna tal-UE, inkluż f'każijiet fejn l-att jiġi sussegwentement annullat jew iddikjarat illegali.
- Il-bażi legali proposta għall-adozzjoni tar-Regolament mhijiex suffiċjenti.

Fid-dawl tat-tħassib imsemmi qabel, u b'kont meħud tal-fatt li l-kunsiderazzjonijiet Bulgari stipulati fid-dikjarazzjoni bil-miktub għal-laqgħa tal-Kunsill Enerġija tal-20 ta' Ottubru 2025 mhumiex riflessi għalkollox, **il-Bulgarija tastjeni mit-test finali tar-Regolament REPowerEU.**"

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"F'konformità mad-dikjarazzjoni ta' Versailles, Franza dejjem tat l-appoġġ sħiħ tagħha biex tintemm id-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq il-fjuwils fossili Russi.

Matul in-negozjati dwar dan l-abbozz ta' Regolament, Franza fittxet li tiżgura s-solidità legali tat-test u tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni, sabiex timminimizza r-riskju li l-projbizzjonijiet jiġu evitati. F'dan ir-rigward, Franza tenfasizza li **l-użu esklużiv tas-sanzjonijiet Ewropej irid jibqa' n-norma għall-miżuri restrittivi li l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li timponi fuq stati terzi. L-adozzjoni tar-Regolament REPowerEU dwar il-gass kienet eċċezzjoni għal din ir-regola, li għandha tibqa' eċċezzjonali, u li kienet ġustifikata minn ċirkostanzi ferm speċifiċi.**

Għaldaqstant, Franza ser tkun partikolarment viġilanti fir-rigward ta' kwalunkwe miżura ta' projbizzjoni futura li tista' tixxiebah ma' sanzjonijiet, partikolarment fis-settur tal-enerġija."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija temmen li l-kompożizzjoni tat-taħlita tal-enerġija, kif ukoll id-deċizzjonijiet dwar is-sorsi tal-provvista u r-rotot tat-trasport u d-diversifikazzjoni tagħhom, iridu jibqgħu f'idejn kull Stat Membru. L-Ungerija tesprimi t-tħassib serju tagħha li r-Regolament RepowerEU jaffettwa b'mod fundamentali u negattiv is-sigurtà tal-enerġija, il-prezzijiet tal-enerġija, u l-għażla sovrana tat-taħlita tal-enerġija. Għalhekk, aħna nemmnu li r-Regolament RepowerEU jinterferixxi mas-sovranià tal-Istati Membri u ma jirrispettax il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-Assemblea Nazzjonali Ungeriza ħarġet opinjoni motivata dwar it-tħassib sinifikanti fuq is-sussidjarjetà.

L-Ungerija għandha dubji serji dwar il-bażi legali magħżula għar-Regolament. Fir-Regolament REPowerEU ma hemm l-ebda objettiv ta' politika kummerċjali komuni, filwaqt li saħansitra jmur kontra l-objettivi indikati fl-Artikolu 194(1) TFUE. Għaldaqstant, aħna nqisuh bħala miżura ta' "sanzjoni de facto", li setgħet tiġi adottata biss abbażi tal-Artikolu 215 TFUE u l-Artikolu 29 TUE.

Barra minn hekk, l-Ungerija temmen li r-Regolament REPowerEU jikser il-prinċipju tas-solidarjetà skont l-Artikolu 194(1) TFUE. Il-prinċipju tas-solidarjetà jimplika obbligu ġenerali min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jqisu l-interessi ta' atturi oħra meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom. Jenħtieġ li jevitaw li jieħdu miżuri li, f'termini ta' sigurtà tal-provvista, vijabbiltà ekonomika u politika, u diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista u l-provvista, jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, filwaqt li, f'każ ta' kunflitt, huma meħtieġa jibbilanċjaw dawk l-interessi. Wara li tqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u marbuta mal-prezzijiet negattivi prevedibbli tar-Regolament REPowerEU fuq l-Ungerija, tali bilanċ ma nstabx.

Fl-opinjoni tal-Ungerija, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw projbizzjoni sħiħa fuq l-importazzjoni ma jikkonformawx mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, kif ukoll mal-prinċipju taċ-ċertezza legali inkluż jekk jipprovdux biżżejjed żmien ta' tħejjija għal dawk affettwati minnha.

L-Ungerija jiddispjaċiha għall-fatt li ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt komprensiva u speċifika għall-pajjiżi, inkluż kontroll tal-kompetittività fuq il-persjonijiet u l-volatilità tal-prezzijiet li jirriżultaw, kif ukoll kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista reġjonali. L-Istati Membri mingħajr kosta, bħall-Ungerija, huma f'pożizzjoni speċifika li kellha titqies. Barra minn hekk, id-data finali tal-eliminazzjoni gradwali għall-provvista tal-gass mill-pipelines ġiet stabbilita irrispettivament mir-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt reġjonali tal-Kummissjoni mħejjija matul it-trilogi.

L-Ungerija hija konvinta li l-miżuri deskritti fir-Regolament RepowerEU mhux biss ser iwasslu għal prezzijiet tal-enerġija oġhla u aktar volatili, - li diġà saru l-akbar xkiel għall-kompetittività Ewropea - iżda wkoll jheddu s-sigurtà tal-provvista, speċjalment fil-każ ta' Stati Membri mingħajr kosta. Filwaqt li r-Regolament REPowerEU jinkludi klawżola sospensiva bħala salvagwardja f'każ ta' kriżi tal-provvista għal għarrieda u severa, huwa improbabbli li din tkun applikabbli fil-prattika minħabba ċ-ċirkostanzi u r-rekwiżiti stretti meħtieġa biex tiġi skattata.

Barra minn hekk, għandna wkoll riżervi legali serji, peress li r-Regolament RepowerEU jinterferixxi mal-kuntratti fit-tul eżistenti u jinvolvi responsabbiltà f'isem l-entitajiet ekonomiċi u/jew l-Istati Membri. Ma għandu l-ebda mekkaniżmu ta' kumpens finanzjarju biex itaffi dawn ir-responsabbiltajiet.

Ir-riskju ta' applikazzjoni retroattiva ta' ċerti dispożizzjonijiet baqa' qasam potenzjali ta' sfida legali fit-test bħad-data tas-17 ta' Ġunju 2025 li minnha kwalunkwe kuntratt ġdid għall-provvista tal-gass Russu jitqies taħt l-effett ta' eliminazzjoni gradwali immedjata tar-Regolament RepowerEU.

It-tneħħija ta' konġestjonijiet infrastrutturali biex jiġu stabbiliti rotot tal-provvista għal importazzjonijiet ta' enerġija mhux Russa fi kwantità suffiċjenti tkun prerekwiżit biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-applikazzjoni tar-Regolament RepowerEU. Minkejja dan il-fatt, il-Kummissjoni Ewropea għadha tirrifjuta li tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-fjuwils fossili bil-fondi tal-UE.

Fl-aħħar nett, l-istabbiliment ta' aktar kategoriji ta' pajjiżi sħab flimkien ma' proċeduri ta' awtorizzazzjoni differenzjati jwasslu għal diskriminazzjoni potenzjali fost il-fornituri esterni tal-gass, li tikkawża sfidi kummerċjali u legali.

B'riżultat ta' dan, l-Ungerija tivvota kontra r-Regolament REPowerEU u tirriżerva d-dritt tagħha li titlob l-annullament tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

Fl-istess ħin l-Ungerija tirrikonoxxi li ċerti dispożizzjonijiet qed jirriflettu t-test tad-19-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa. L-Ungerija tiddikjara li tali metodu leġiżlattiv għandu japplika għal kwalunkwe miżura għda potenzjali li tkopri s-suġġett tal-pakkett ta' sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa.

Konsegwentement, l-Ungerija tenfasizza li sabiex jiġi żgurat l-oġġla livell possibbli ta' ċertezza legali għall-operaturi tal-Unjoni, anke biex tiġi pprovduta ċarezza dwar id-dispożizzjonijiet legali applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, il-koerenza u l-konsistenza bejn il-liġijiet u l-politiki differenti tal-UE għandhom jiġu rispettati inkluż l-eżenzjonijiet u d-derogi fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 kif ikunu fis-seħħ dak iż-żmien."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakkja tappoġġa l-isforzi mmirati lejn it-tnaqqis gradwali tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati. Madankollu, tali sforzi jridu jirriflettu kif xieraq l-ispeċifitàjiet ġeografiċi, infrastrutturali u ekonomiċi tal-Istati Membri l-aktar affettwati, kif ukoll ir-restrizzjonijiet legali eżistenti.

Għalhekk, ir-Repubblika Slovakkja tivvota kontra l-adozzjoni tar-Regolament REPowerEU minħabba l-impatti ekonomiċi u finanzjarji negattivi antiċipati tiegħu u l-effetti negattivi potenzjali tiegħu fuq is-sigurtà tal-provvista.

Ir-Repubblika Slovakka, bħala pajjiż mingħajr kosta mingħajr aċċess dirett għal terminals tal-LNG u taż-żejt, investiet b'mod sinifikanti u żviluppata interkonnnetturi tal-gass mal-pajjiżi ġirien kollha sabiex issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija. Madankollu, il-konġestjonijiet eżistenti fl-infrastruttura barra mit-territorju Slovakk ikomplu jillimitaw il-possibbiltà li jiġu ddiversifikati l-provvisti tal-gass u li jiġu importati volumi suffiċjenti b'mod effiċjenti u kosteffettiv fl-iskeda ta' żmien proposta. Ir-Regolament ma jirriflettix b'mod adegwat dawn ir-restrizzjonijiet u jonqos milli jipprovdi lill-Istati Membri l-aktar affettwati bi strumenti xierqa biex jindirizzawhom.

Barra minn hekk, is-sistema tal-enerġija Slovakka storikament kienet tiddependi fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mill-Federazzjoni Russa garantiti b'kuntratti fit-tul. It-terminazzjoni prematura ta' dawn il-kuntratti tesponi lir-Repubblika Slovakka u lill-parteċipanti fis-suq Slovakk għal arbitraġġ u proċedimenti legali oħra. Ir-Regolament ma jistabilixxi l-ebda salvagwardja jew qafas ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jiġu indirizzati dawn il-konsegwenzi legali u finanzjarji għall-Istati Membri u l-importaturi affettwati.

Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Slovakka ttenni t-tħassib serju tagħha dwar l-għażla tal-bażi legali tar-Regolament, kif ukoll il-kompatibbiltà tiegħu mal-prinċipji tal-proporzjonalità u s-solidarjetà enerġetika."